**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 05/22**
**Data:** It-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022
**Ħin:** 5:50PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

ŻEJTUN
Citta` Beland

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-06:04PM)
Amanda Abela- Kunsilliera
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:55PM)
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **05.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **05.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **05.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **05.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **05.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **05.06** | **Quarterly Financial Statements;** |
| **05.07** | ***Xogħlijiet;*** |
| **05.08** | **Ġieh iż-Żejtun;** |
| **05.09** | **Ħaddiema manwali tal-Kunsill;** |
| **05.10** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **05.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **05.12** | **Mozzjonijiet; u** |
| **05.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**05. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija | |

**05. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 04/22 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 05. 2. 1 | 04.08.06 | Viċi-Sindku: Proġett tal-Gal Xlokk f'Folignio | Il-Viċi-Sindku qalet li urew ix-xewqa dwar jekk jistax isir ġemellaġ maż-Żejtun. | Viċi-Sindku |
| 05. 2. 2 | 04.03.09 | Fenech: Van elettriku | Għandu jiżdied bħala inkarigati is-Sindku, Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv. | Fenech |
| 05. 2. 3 | 04.08.07 | Fenech | Flok Sabata trid taqra Tabata. | Fenech |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**05. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2 5 | 04.02.01 | Fenech: CultuALLA | Fenech qalet li l-parteċipanti li qed jieħdu sehem f'dan il-proġett ser ikunu qed jiġu Malta f'Settembru sabiex jitkompla l- | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 6 | 04.02.03 | Fenech: Problema bil-ħmieġ tal-ħamiem | Fenech qalet li dawn komplew jiġu mitmugħin mill-feeder apposta fuq il-bejt tal-knsija kif ukoll ser jiġi nstallat ieħor fuq il-bejt ta' Paola Freire. Twaħħlu wkoll 10 tabelli, 3 il-pjazza, 1 Ġnien l-Għannejja Żwieten, 1 Ġnien iż-Żgħożija, 1 fejn il-Knsija tal-Madonna tal-Ħniena, 1 ħdejn l-iskola Primarja u 1 f'Misraħ Karlu Diacono, 1 Knisja San Girgor, 1 Fejn Ġnien il-Kmandant sabiex tiġi nfurzata l-bye-law. Ser tintbgħat ittra lis-sidien tad-djar abbandunati sabiex jiġu mbarrati l-aċċess fejn ibejtu l-ħamiem. | Fenech |
| 05. | 2 | 7 | 04.02.04 | Sindku / Baldacchino: Misraħ is-Suq | Baldacchino qal li l-proċess sabiex is-suq jerġa jitla' f'postu għaddej għalkemm għadu mhux konkluż. Qed issir ħidma kbira sabiex nhar l-Erbgħa, 8 ta' Ġunju 2022, is-suq jiġi rilokat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Sindku saħqet li l-parkeġġ taħt l-art għandu jkun prijorita'. Twaħħlu wkoll sett tabelli ġodda sabiex il-vetturi ma jipparkjawx nhar t'Erbgħa ħinijiet tas-suq. | Baldacchino |
| 05. | 2 | 8 | 04.02.06 | Sindku: Sleeping Police fi Triq Bugħarbiel | Is-Sindku qalet li kellna talba sabiex issir sleeping police. Kien hemm diskussjoni dwar dan. Ser nitolbu petizzjoni għal din it-talba. Ser issir pressjoni ma' Infrastruttura Malta wkoll sabiex tinfetaħ Triq il-Bies sabiex jittafa t-traffiku. | Sindku |
| 05. | 2 | 9 | 04.02.08 | Sindku: Librerija | Is-Sindku reġgħat qajmet id-diskussjoni dwar il-librerija wara li ġiet infurmata li l-librerija ser tiġi rilokata fejn kienetsal-ewwel ġimgħa t'Ottubru. Camilleri qalet li għandna nitolbu sabiex issir l-estenzjoni fl-iskola sabiex il-librerija terġa tingħata l-ispazju fejn kienet u ssir permanenti. | Sindku |
| 05. | 2 | 10 | 04.02.10 | Chircop: Kompetizzjoni tal-Fotografija | Chircop qal li kien hemm 240 entrata u bdew jiġu aġġudikati u jintagħżlu r-ritratti. | Chircop |
| 05. | 2 | 11 | 04.03.03 | Chircop: Restawr tas-salib tal-pjazza | Chircop qal li l-proċess beda pero x-xogħol ta' restawr għad irid jistenna li jinħareġ il-permess li jieħu madwar sitt xhur. Hemm il-ħsieb li dan ix-xogħol jibda wara l-Ġimgħa l-Kbira tal-2023. | Chircop |
| 05. | 2 | 12 | 04.03.05 | Chircop: Miżuri tal-Gal Xlokk | Chircop spjega li sabiex napplikaw għal miżuri ġodda iridu jkunu ingħalqu l-miżuri pendenti. Qal li hemm problema minħabba pendenzi mal-lands sabiex tiġi restawrata l-faċċata ta' Ġnien il-Kmandant u talab jekk nistgħux napplikaw sabiex jiġu restawrati ż-żewġ monumenti li hemm quddiem iz-zuntier sabiex ma jintilfux il-fondi. | Chircop |
| 05. | 2 | 13 | 04.03.10 | Sindku: Ħajt perikoluż fil-ġnien tal-kunsill | Is-Sindku qalet li ix-xogħol irid isir b'urġenza għax imminenti li jaqa'. Il-ġirien qabblu li jħallsu għas-saqaf tal-kamra li tmiss mal-istess ħajt u l-kunsill iħallas għal kumplament tax-xogħol. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 2 | 14 | 04.03.14 | Chircop: Applikazzjoni għal isem tat-triq | Chircop qal li l-applikazzjoni intefħet u għad hemm ħafna pendenzi minn naħa tal-kumitat tal-ismijiet tat-toroq. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 15 | 04.04.01 | Viċi-Sindku: Triq il-Faqqus | Il-Viċi-Sindku reġat staqsiet dwar din it-triq. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-ko-ordinatur s-Sur Darmanin ta' Infrastruttura Malta u s'issa għadna bla risposta. | Sindku |
| 05. | 2 | 16 | 04.04.02 | Viċi-Sindku: *Pelican Lights* | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar meta ser tinxtgħel l-pelican lights fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. Is-Sindku qalet li saret ħsara mill-W.S.C. Hemm diżgwid bejn W.S.C. u IM dwar min ser isewwi l-ħsara. | Sindku |
| 05. | 2 | 17 | 04.04.03 | Viċi-Sindku: Linji sofor | Il-Viċi-Sindku reġat staqsiet dwar il-linji ta' Triq President Anton Buttiġieġ. Baldacchino ser ikun qed jitkellem mal-Koptasin. | Baldacchino |
| 05. | 2 | 18 | 04.04.04 | Fenech: Ittri ta' awgurju lill-Ministri u Membri Parlamentari | Fenech staqsiet jekk dawn intbagħtux. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġa saret id-draft tal-ittra u ser jintbagħtu dalwaqt. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 2 | 19 | 04.04.05 | Chircop: Festa ta' Sna Girgor | Chircop qal li tkellimna mal-ministeru tal-kultura u dan lest li jtina għajnuna sabiex jerġa jibda jiġi ċċelebrat kif mistħoqq. | Chircop |
| 05. | 2 | 20 | 04.04.06 | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop qal li l-applikazzjonijiet ingħalqu u ġew sottomessi 43 biċċa xogħol letterajra. | Chircop |
| 05. | 2 | 21 | 04.04.07 | Chircop: Tifkira tal-Gwerra | Chircop qal li saret it-tifkira tal-gwerra. Kien hemm preżenti wkoll rappreżentanti mill-Għaqda Mużikali Beland u l-Kumitat tal-Partit Laburista Żejtun. | Chircop |
| 05. | 2 | 22 | 04.04.09 | Sindku: Zebra Crossing fi Triq Toni Zahra | Is-Sindku qalet li applikajna għal RWP1 u x-xogħol fuqha dalwaqt jibda. | Sindku |
| 05. | 2 | 23 | 04.06.01 | Sindku: Misraħ ta' Pizzuta | Is-Sindku qalet li x-xogħol għadu għaddej b'ritmu tajjeb. Qlajna l-madum li kien hemm għax kien perikoluż, għamilna r-*root barriers,* ser isiru l-bankijiet u *printed concrete* u fanali ġodda. | Sindku |
| 05. | 2 | 24 | 04.06.03 | Sindku: Pavimentar ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li qed nitkellmu mal-perit sabiex ilestilna d-disinn. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 2 | 25 | 04.06.04 | Sindku: Misraħ Ħal Tmin | Is-Sindku qalet li hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' Ambjent Malta. Kien hemm 40 sottomissjoni għall-proġetti u tagħna ġiet it-tmin post. Ta' dan ser nikkwalifikaw għal €103,000 sabiex isir il-proġett fil-ġnien. Talbuna sabiex inżidu iktar żoni ħodor. Qabbadna lill-perit u naqqsilna żewġ passaġġi minn erbgħa. Intweriet il-pjanta ta' Ħal Tmin u Tal-Bellus. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 2 | 26 | 04.08.07 | Fenech: Proġett tal-Capoeira | Fenech qalet li dan il-proġett qed jiġi finalizzat u ser tkun qed tingħata lill-Kunsill *management fee,* fondi li ser jibqgħu l-kunsill. | Fenech |

**05 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/22. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 1 | | Sindku: *Juniors Science Club* | Is-Sindku qalet li kellmuha mill-*Juniors Science Club* u jixtiequ li b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali jorganizzawh għal-tfal tal-etajiet bejn 7 u 10 snin. Kien hemm qbil li dan isir fl-iskola peress li diġa hemm il-bankijiet u siġġijiet. Il-prezz ser ikun dak ta' €80 u ser jingħataw aktar dettalji 'l quddiem | Sindku / Camilleri |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05 3 2 | 03 | LCA | Il-Kunsill qabel li tinxtgħel l-Olive Twist bl-aħmar għal Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm. | Fenech |
| 05 3 3 | 22 | Għaqda Mużikali Beland | Kien hemm talba sabiex jiġi użat iz-zuntier fis-6 ta' Ġunju u tombla mit-23 ta' Ġunju 'l quddiem. Kien hemm qbil dwar dan. | |
| 05 3 4 | 24 | BCRS: *Reverse Vending Machines* | Kien hemm diskussjoni dwar fejn din għandha titpoġġa. Peress li hija ftit goffa kien hemm qbil li jitpoġġew f'Misraħ Carmelo Grima u Triq il-Labour. | |
| 05 3 5 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li kellna talba mis-Sur Andre Mifsud sabiex issir play u tittella' fi Ġnien l-Għannejja Żwieten fit-teatru miftuħ minn 4J's nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju. Kien hemm qbil unanimu li l-ġnien jingħata l-użu għalih mingħajr ħlas sabiex nippromwovu l-arti fil-beraħ. | Viċi-Sindku |
| 05 3 6 | | Ray Abela | L-Onor. Ray Abela għamel talba għall-attivita' politika fi Ġnien l-Għannejja Żwieten fl-24 ta' Ġunju. Ser tintgħalab kontribuzzjoni ta' €200. | |
| 05 3 7 | | Roberto | Reġa kellna talba sabiex jitħaffru ħofor għal armar fi Triq il-Fossa tal-Qamħ. Għandu jġib il-permessi meħtieġa u jsaqsi lir-residenti dwar jekk jaqblux. | |
| 05 3 8 | | Rati tat-tender: Silvar Constructions Ltd | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur infurmana li ser ikun hemm żieda sostanzjali fuq il-materjal sabiex jaħdem. Wara diskuzzjoni kien hemm qbil li għandna morru d-dipartiment sabiex nivverifikaw nistgħux naċċettaw dawn iż- | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 3 9 | | Camilleri: Miżuri *dementia friendly* | Camilleri qalet li kellha laqgħa mas- Sur D'Amato u s-Sur Gobey mid-Dementia Intervention Unit sabiex jiġi iffirmat MOU magħhom. Dan jgħin biex meta jsiru proġetti jew tabelli tat-toroq ikunu iktar dementia friendly. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| **05. 4.** | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 4 1 | | | Ma kinx hemm iktar mistoqsijiet | |
| **05. 5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. 5 1 | | Baldacchino: Żbir ta' siġar | Baldacchino qal li x-xogħol għaddej u matul il-ġimgħa tal-festa ser jinżabru l-palm ta' Vjal il-25 ta' Novembru waqt li t-triq tkun magħluqa. | Baldacchino |
| **05. 6.** | | **Quarterly Financial Statements;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 05. 6. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-kunsill l-*quarterly financial statement* għal perjodu Jannar sa Marzu 2022. Għamel aċċenn għal fatt li l-piżijiet fuq il-kunsill huma kbar ħafna u li jekk mhux ser insibu bilanċ ser jibda jkollna l-problemi finanzjarji. Wara li nqara d-dħul u l-ħruġ għal dan il-perjodu, dawn ġew approvati b'mod unanimu. Għamel enfasi wkoll li l-Kunsill għandu bżonn isib mezzi finanzjarjament ulterjuri sabiex jibqa' sostenibbli. | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 7.**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05 7 1 | | | Ma kinx hemm iktar xogħlijiet x'jiġu diskussi | |

**05. 8.** **Ġieh iż-Żejtun;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 8. 1 | | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop fetaħ is-sottomissjonijiet li kienu jammontaw għal tlieta. Dawn kienu l-Professur Vella, s-Sur Joseph Aquilina u s-Sur Ritchie Darmanin. Wara li nqraw il-bijografiji ta' dawn in-nominati, saret diskussjoni fejn kulħadd ta l-opinjoni tiegħu. Fl-aħħar ġie magħżul is-Sur Joseph Aquilina sabiex jingħata Ġieh iż-Żejtun għax xogħol siewi li għamel fejn tidħol arġenterija.<br>1) Rikonoxximent għall-professjoni lill-Profs. Alfred Vella.<br>2) Sports lill-Karla Scicluna u Luca Grixti.<br>3) Żgħażagħ lill-Tessmarie Busuttil u Briannah Caruana.<br>4) Anzjani Joe Hales u Richard Darmanin.<br>Ser jingħata rikonoxximent li dawk kollha li ħadu sehem fl-*special olympics* .<br>Dan ser isir fis-6 ta' Lulju fi Ġnien l-Għanneija Żwieten. | |

**05. 9.** **Ħaddiema manwali tal-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 9. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li saru l-intervisti. S'issa għadna ma sibna l-ħadd li jissodisfa l-kriterji għal din il-pożizzjoni. Ser nitolbu l-Jobsplus għal lista oħra taħt skema 3. | |

**05. 10.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 10 1 | 04.08.01 | Viċi-Sindku: Kids Club | Il-Viċi-Sindku qalet li reġaw bdew is-sezzjonijiet għal Kids Club nhar ta' Sibt. | Viċi-Sindku |
| 05. 10 2 | 04.08.02 | Viċi-Sindku: Weekend Break | Il-Viċi-Sindku qalet li dan sar u kien suċċess. | Viċi-Sindku |
| 05. 10 3 | 04.08.03 | Viċi-Sindku: Ġurnata Sqallija | Il-Viċi-Sindku qalet li din tħassret u flokha ser issir bil-katamaran nhar is-Sibt li ġej. | Viċi-Sindku |
| 05. 10 4 | | Viċi-Sindku: Wirja | Il-Viċi-Sindku qalet li waqt il-ġimgħa tal-festa (bejn l-10 u d-19 ta' Ġunju) ser issir wirja minn artisti fiċ-Ċentru tal-Arti u | Viċi-Sindku |
| 05. 10 5 | | Viċi-Sindku: Ġurnata Kemmuna | Il-Viċi-Sindku qalet li ser tiġi organizzata ġurnata kemmuna fil-25 ta' Ġunju. | Viċi-Sindku |
| 05. 10 6 | | Fenech | Fenech qalet li l-Onor Alicia Bugeja Said talbet li tiġi tiltaqa' mal-kunsill nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju fid-9.30am. | Sindku u Kunsilliera |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05. 10 7 | | Fenech | Fenech qalet li kellha talba sabiex jiġi organizzat trift shop - recylce. Id-data u ħin iridu jiġu konfermati. | Fenech |
| 05. 10 8 | | Chircop: Reġjun Nofsinhar | Chircop qal li kellmitu s-Sa. Tiffany Abela, l-uffiċjal tal-kultura tar-Reġjun Nofsinhar sabiex tara kif bħala Żejtun nistgħu nippromwovu iktar il-kultura. | Chircop |
| 05. 10 9 | | Chircop: Ġbid ta' filmati | Chircop qal li bejn l-10 u t-12 ta' Ġunju fi Triq il-Kunċizzjoni ser ikun qed jinħadem film. | Chircop |
| 05. 10 10 | | Chircop: 800 sena anniversarju | Chircop qal li s-sena d-dieħla iż-Żejtun jagħlaq 800 sena bir-relazzjoni ma' Celano. Talab li jkun imfakkar dan l-avveniment billi nistiednu lill-Kunsill ta' Celano. | Chircop |
| 05. 10 11 | | Camilleri: *Revision Classes* | Camilleri qalet li ser jerġgħu jiġu organizzati r-*revision classes* matul is-sajf. Il-kontribuzzjoni ser tkun dik ta' €25. Mhux ser ikun rimborz lura f'każ li xi ħadd ma jattendiex. | Camilleri |
| 05. 10 12 | | Camilleri - TCTC | Camilleri qalet li rċevejna proposta minn TCTC sabiex isiru klassijiet tal-Microsoft Office bejn Lulju u Settembru. Il-miżata hija dik ta' €2,100 li jrid iħallas il-kunsill. Minn ser japplika irid iħallas €25 għan-noti. Wara diskussjoni ma kinx hemm qbil dwar dan. | |

**05. 11.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/22 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 05/22 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. 11. 3 | | *Petty Cash* - April 2022 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €182.32 | Segretarju Eżekuttiv |

**05 12** **Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 12 1 | | Baldacchino: Store fi Triq Toni Zahra | Baldacchino ressaq mozzjoni sabiex il-maħżen li għandna fi Triq Toni Zahra jiġi msemmi għas-Sur Vincent Grixti. | |
| 05. 12 2 | | Fenech: Bye-law | Fenech resqet mozzjoni sabiex il-kunsill ikun jista' jirregolarizza l-ħmieġ waqt il-festi u waqt attivitajiet oħra bħas suq. Din ser tkompli tiġi diuskussa fil-laqgħa li jmiss. | |

**05 13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-9:45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju 2022 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv